**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D.**

Rose Camilleri Craus *et*

*versus*

Joseph Camilleri

**Kontumaċja - Ġustifikazzjoni ta' - Appell**

*L-appellant ipprova inutilment jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati fil-21 ta' Frar, 1997, *ippronunzjat din is-sentenza fil-kontumaċja tal-konvenut:*

"Il-Qorti:-

Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenut biex:

*Iħallas is-somma komplessiva ta' (Lm653.83) sitt mija u* tlieta u ħamsin lira Maltija u tlieta u tmenin ċenteżmu u dan kwantu għas-somma ta' (Lm633.38,0) sitt mija u tlieta u tletin lira Maltija u tmienja u tletin ċenteżmu għat-telf ta' xogħol u spejjeż mediċi, kwantu għas-somma ta' (Lm17) sbatax-il lira Maltija għall-ħwejjeġ li kienet liebsa u kwantu għas-somma ta'

(Lm3.45,0) tliet liri Maltin u ħamsa u *erbgħin ċenteżmu* għall-kopja ta' rapport tal-Pulizija u dan kollu għal danni minnu lilha kkaġunati fl-1 ta' Ġunju, 1996 għal xi 12.40 p.m. meta huwa laqatha b'vettura Maruti numru X-1586 li huwa kien qed isuq quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Marsa, u f'liema inċident, li ġara unikament minħabba f'negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu, il-*mittenti soffriet ukoll ġrieħi ta' natura gravi*;

Bl-ispejjeż, *inklużi* dawk *ta'* l-*ittra interpellatorja ta' l-14* ta' Settembru, 1996 u ta' l-ittra uffiċjali t'Ottubru, 1998, kontra l-konvenut li jibqa' nġunt għas-subizzjoni;

Rat il-kapitoli ta' l-atturi u l-atti l-oħrajn tal-kawża;

Billi l-konvenut ma deherx *fl-udjenza tal-lum u lanqas* f'dik tas-7 ta' Frar, 1997;

Tqis l-imsemmi kapitoli bħala mistqarra mill-konvenut; u tilqa t-talba. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenut";

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u kif tenut jagħmel iddikjara li kien jixtieq jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. Hu jsostni li meta kien irċeva l-avviż tas-smigħ tal-kawża kellu jsiefer u ma kienx possibbli għalih li jattendi l-Qorti. Missieru mar il-Qorti u pprova jinforma lill-uffiċjali ta' l-awla b'dan il-fatt. Dik il-ġurnata ta' l-ewwel smigħ l-atturi appellati ppreżentaw kapitoli li dwarhom naturalment l-appellant ma kien jaf xejn. Kien għadu *ma rritornax Malta meta* l-kawża ġiet differita u, billi ma deherx, il-kapitoli ttieħdu mill-Qorti bħala mistqarra u l-kawża ġiet deċiża;

Dawn il-fatti huma sostanzjalment korretti u korroborati mix-xhieda quddiem din il-Qorti ta' l-appellant u missieru.

Jirriżulta ppruvat li meta l-konvenut appellant ġie notifikat bl-avviż hu kien Malta. Ġie notifikat fit-28 ta' Novembru, 1996 bl-avviż tas-smigħ tal-kawża u kellu jsiefer fis-7 ta' Frar, 1997. kważi xahrejn u nofs wara. Jirriżulta ukoll korroborat dak li ġie depost quddiem il-Qorti illi missier l-appellant kien xi jumejn qabel ikkomunika ma' xi uffiċjali tal-Qorti u nfurmahom illi *ibnu kien imsiefer u ma setax jattendi għall-kawża*;

Li però ma *jirriżultax minn dawn id-deposizzjonijiet hu* dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tas-7 ta' Frar, 1997, quddiem l-Ewwel Qorti, *u li in effetti jimmina* l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja li l-appellant qed jittanta jagħmel f'dan l-istadju. Ġie nfatti hekk irreġistrat f'dik is-seduta:

"Il-Qorti ġiet infurmata mid-deputat tagħha li l-bieraħ missier il-konvenut ġie l-Qorti jinforma li t-tifel tiegħu, il-konvenut, jinsab imsiefer peress li siefer il-ġimgħa l-oħra u ġej il-ġimgħa d-dieħla. Ġie *ppreżentat* kapitolu *approvat mill-Qorti*. Differita għal-21 ta' Frar, għas-subizzjoni";

Minn dan jidher:

Li fis-seduta appuntata mill-Qorti għall-ewwel smigħ ma deher ħadd biex jikkontesta t-talba ta' l-attur. La deher il-konvenut li kien imsiefer u lanqas deher xi ħadd għalih (missieru kien mar il-Qorti xi ġurnata qabel u mhux fil-jum appuntat għas-smigħ) u lanqas ġie nkarigat avukat jew prokuratur legali biex jirrappreżenta l-konvenut;

Li ma saret l-ebda eċċezzjoni formali bil-miktub meta dan kien aktar *milli konsiljabbli li jsir una volta l-konvenut kien jaf* li ser ikun imsiefer fil-ġurnata ta' l-ewwel udjenza;

Li l-konvenut appellant kellu żmien ampju biex jipprovdi

għad-difiża adegwata tiegħu u li jinkariga lil min jippreżentah biex jikkontesta l-kapitoli li ġustament setgħu jsiru, kif fil-fatt saru, fil-kontumaċja tiegħu. *Kien infatti obbligu tal-missier li* jidher fis-seduta appuntata għall-ewwel smigħ u ma setax b'*impunità* jinjora l-ordni tal-Qorti. Għamel hekk riskju tiegħu;

Il-Qorti tinnota li avolja l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tinjora messaġġi tat-tip li jidher li ħalla missier il-konvenut ma' xi uffiċjal tal-Qorti, din b'sens ta' ġustizzja ħasset li kellha tagħti lill-appellant *kull opportunità li jidher biex jopponi l-*kapitoli ppreżentati kontra tiegħu fis-seduta appuntata għas-smigħ tagħhom. Infatti, f'dik l-ewwel seduta hi ddifferiet il-kawża għal oħra 15-il jum wara meta allura skond l-informazzjoni li ta l-Qorti l-istess misieru, il-konvenut kien ikun ilu *madwar ġimgħa li rritorna Malta. Ciononostante l-konvenut* meta msejjaħ tliet darbiet baqa' ma deherx biex jikkontesta l-kapitolu u ħadd ma deher għalih quddiem il-Qorti biex jinformaha x'kienet ir-raġuni għaliex hu ma kienx deher;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-Ewwel Qorti kienet aktar minn ġustifikata li tipproċedi u tagħti s-sentenza minnufih kif jimponi fuqha l-Kodiċi ta' *Organizzazzjoni* u *Proċedura Ċivili. Kienet* tonqos li kieku ma għamlitx hekk. Ma jirriżulta xejn mit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti li b'xi mod jista' validament jitqies bħala skużanti għall-kontumaċja tal-konvenut appellant u għan-nuqqas tiegħu li jidher meta msejjaħ biex hekk jagħmel ħalli jikkontesta l-kapitoli ppreżentati kontra tiegħu. L-appell ma jistax għalhekk jiġi sostnut;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.